# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 16 ta' Dicembru 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 920/16 JVC**

**Filippa sive Phyllis Borg ID185363M**

**vs**

**(a) Sylvia Frendo 0096565M**
**(b) Rita Agius 427266M u b'digriet tal-14 ta' Gunjuu 2018 l-atti gew trasfuzi f'isem Saviour Agius (KI Nru 67290M) u Marie Claire Agius (KI Nru 155393M)**
**(c) Nicholas Agius**
**(d) Carmen Said**

**(e) Carmelo Agius ID 424232M ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Filippa *sive* Phyllis Borg ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

'Illi fis-27 ta' Jannar 2014 mietet Maria Agius, mart l-intimat Carmelo Agius, kif jidher mill-kopja ta-estratt tac-certifikat tal-mewt **Dok. PB1**

Illi l-esponenti hija wahda mill-hamest itfal tal-istess Maria Agius.

Illi bit-testment taghha ricevut minn Nutar Carmel Martinelli fil-25 ta' Novembru 1996, Maria Agius (flimkien ma' zewgha Carmelo Agius) wara li rrevokat kwalunkwe testment maghmul qabel dak in-nhar, halliet legat (reciproku) lil zewgha Carmelo Agius tal-massimu li tipermetti l-ligi, cioe kwart indiviz fi proprjeta u l-kumplament in uzufrutt, u wara li halliet diversi prelegati, innominat bhala eredi taghha lil hames uliedha, cioe` lil esponenti u hutha intimati Sylvia Frendo, Rita Agius, Nicholas Agius u Carmen Said. Kopja **Dok. PB2**

Illi Maria Agius (flimkien ma' zewgha Carmelo Agius) ghamlet zewg testamenti addizzjonali ohra ricevuti minn-Nutar Jeanette Laferla Saliba fil-11 ta' Dicembru 2001 u fl-4 ta' Ottubru 2005 fejn halliet diversi prelegati lill uliedha imsemmija, izda n-nomina ta' eredi baqghet l-istess. Kopji **Dok PB3** u **Dok PB4**.

Illi fi hames artiklu tat-testment addizzjonali tal-11 ta' Dicembru 2001 l-esponenti thalliet b'titolu t' prelegat minn ommha u

missierha *"il-bicca art ossija plot li qeghda f'Muxi Square Haz-Zebbug, li dari kienet tifforma parti mill-fond imwaqqa, numru tnejn (2) Muxi Square Haz-Zebbug, li kienet id-dar tal-genituri tat-testatrici Maria Agius, bil-kjel kollu ta' go fiha."*

Illi jirrizulta illi l-proprjeta' kollha ta' omm l-esponenti Maria Agius giet imhollija b'titolu ta' prelegat lill-hames eredi msemmija biex b'hekk ma fadal xejn biex jitqassam mal-eredi.

Illi irrizulta ukoll illi l-prelegat mholli lill-esponenti tal-plot fuq indikat huwa ta' valur ferm anqas mill-valur tal-porzjoni rizervata ta' parti wahda minn ghaxra (1/10) li ghandha dritt ghaliha l-esponenti skond il-ligi a' tenur tal-Artiklu 615 Kap 16.

Illi l-esponenti rrinunzjat ghall-wirt testamentarju ta' ommha Maria Agius permezz ta' nota ipprezentata fil-Qorti Civili, sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja, kopja **Dok PB5**.

Illi l-esponenti kienet interpellat lill-eredi ta' ommha Maria Agius biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tal-porzjoni riservata permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fit-2 ta' Dicembru 2015 numru 4025/15 (kopja **Dok FB6**) u ghalhekk entro t-terminu moghti mil-Artiklu 615(2) biex jidekorru l-imghax b'effett mid-data tal-mewt sal-pagament effettiv.

Illi minkejja diversi tentattivi ma intlahaqx ftehim u ghalhekk kellha issir dina l-kawza.

Illi l-esponenti qeghda tannetti ma' dan ir-rikors lista ta' proprjeta li kienet tippossjedi Maria Agius fid-data tal-mewt taghha bhala **Dok FB7**

Ghaldaqstant u prevja kull dikjarazzjoni opportuna, l-esponenti titlob bir-rispett kollu illi dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tistabillixi l-entita' u l-valur tal-assi ta' ommha Maria Agius fid-data tal-mewt taghha

2. Tillikwida l-ammont dovut lil esponenti bhala kreditu kontra l-eredi ta' Maria Agius tal-valur tal-porzjoni rizervata dovut lilha a' tenur tal-Artiklu 615 tal-Kap 16;

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex jhallsu lill-esponenti l-ammont hekk likwidat;

4. Tistabillixi r-rata ta' imghax applikabbli skond l-Artiklu 615(2) b'effett mid-data tal-mewt ta' Maria Agius (27 January 2014) u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex jhallsu l-imghax hekk stabbilit fuq l-ammont likwidat bhala porzjoni rizervata favur l-esponenti.

Bl-ispejjes inkluz tal-ittra ufficjali pprezentata fit-2 ta' Dicembru 2015 numru 4025/15'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati kollha li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament, l-intimata Carmen Said irrinunzjat ghall-wirt tad-defunta ommha Maria Agius u ghalhekk mhijiex responsabbli skond il-ligi fil-konfront tar-rikorrenti ghall-hlas tal-*legittima portio* u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-fatt l-imsemmija intimata

Carmen Said thallset ghas-saldu mill-intimati l-ohra ghall-porzjon rizervata lilha spettanti.

2. Illi, fil-mertu, ir-rispondenti l-ohra (bl-eccezzjoni tal-intimata Carmen Said, ghar-ragunijiet fuq imsemmija) qatt ma cahhdu lir-rikorrenti mill-hlas tal-porzjon rizervata lilha spettanti skond il-ligi u ghalhekk m'ghandhomx oggezzjoni ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti. Ir-rispondenti jtennu illi l-hlas lir-rikorrenti ma sarx ghaliex:

   i. Fl-ewwel lok, minkejja dikjarazzjonijiet da parti tal-istess rikorrenti li kien bi hsiebha tirrinunzja ghall-wirt tad-defunta ommha Maria Agius filwaqt li zzomm ferm id-dritt taghha ghal-legittima, l-istess rikorrenti rrinunzjat biss ghall-imsemmi wirt permezz ta' Nota pprezentata fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) fil-11 t' Ottubru, 2016 u ghalhekk kien biss minn dak il-mument illi r-rikorrenti setghet tivvanta pretensjoni ghall-hlas tal-porzjon rizervata; u

   ii. Fit-tieni lok, u ferm izjed importanti minn hekk, ghaliex l-ammont pretiz mir-rikorrenti ghall-hlas tal-porzjon rizervata huwa wiehed ezagerat u eccessiv kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, filwaqt illi r-rispondenti (bl-eccezzjoni tal-intimata Carmen Said, ghar-ragunijiet fuq imfissra) offrew lir-rikorrenti l-hlas lilha dovut ghall-porzjon rizervata a bazi ta' stima minnhom ottenuta minghand il-Perit Godwin Abela, izda r-rikorrenti rrifjutat tali hlas.

3. Illi, ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq spjegati, l-intimati m'ghandhom jigu akkollati bl-ebda spejjez relattivi ghal din il-kawza u r-rikorrenti ghandha tigi kkundannata ghall-hlas tal-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

4. Illi, ghall-istess ragunijiet imfissra fil-paragrafu numru tnejn (2) ta' din ir-Risposta Guramentata, l-intimati m'ghandhom jigu kkundannati li jhallsu ebda imghax lir-rikorrenti u ghaldaqstant ir-raba' talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

5. Illi, f'kull kaz, mill-ammont li ghandu jigi likwidat bhala kreditu tar-rikorrenti kontra r-rispondenti (bl-eccezzjoni tal-intimata Carmen Said, ghar-ragunijiet fuq imfissra) u li l-istess rispondenti ghandhom jigu ordnati jhallsu lir-rikorrenti ghandha tigi dedotta s-somma ta' tliet elef Ewro (€3,000) illi r-rikorrenti diga nghatat bhala sehem *in parte* mill-wirt tad-defunta ommha Maria Agius u li l-istess rikorrenti qatt ma rritornat jew raddet lura.

6. Salv eccezzjonijiet ohra talvolta permissibbli skond il-ligi.'.

Rat l-affidavits, xiehda, att tal-mewt, testmenti, nota ta' rinunzja, ittra ufficjali, rapporti *ex-parte*, dikjarazzjoni *causa mortis*, ricerki testamentarji, cedoli ta' depozitu, kuntratti, certifikati ta' titolu, pjanti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Novembru, 2016 a fol. 28 tal-process fuq talba tad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti kif diversament preseduta, nnominat lil Perit Mario Cassar sabiex jaghmel stima

tal-immobbli fil-mument tal-apertura tas-successjoni cioe' d-data tal-mewt tad-decuius;

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku Mario Cassar intavolat nhar is-16 ta' Frar, 2017 a fol. 47 *et seq* tal-process stante li l-partijiet talbu li ssir seduta ghall-provi talab direzzjoni tal-Qorti sabiex tapprova tali seduta u sabiex jigi ccarat jekk dan ghandux jigi meqjus bhala inkarigu oltre dak originali u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta moghti nhar is-17 ta' Frar, 2017 fejn idderigiet lill-Perit Tekniku sabiex izomm zewg seduti ghall-provi tal-partijiet ghall-fini tal-inkarigu tieghu u f'kaz li jkun hemm htiega li jinzammu aktar seduti dan ghandu jitlob direzzjoni wara li l-partijiet jindikaw lill-Qorti permezz ta' nota appozita, l-iskop tas-seduti ulterjuri;

Rat ic-cedola ta' depozitu pprezentata nhar it-2 ta' Jannar, 2018 a fol. 157 tal-process fejn permezz taghha l-intimati ddepositaw l-ammont ta' €48,180 akkont tal-legittima dovuta lir-rikorrenti u nkluz l-ispejjez u d-drittijiet dovuti fuq l-istess cedola;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar ipprezentat fl-atti nhar it-3 ta' Ottubru, 2017 u mahluf nhar il-11 ta' Jannar, 2018 a fol. 160 *et seq* tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni tal-intimati Sylvia Frendo et pprezentati nhar is-26 ta' Frar, 2018 a fol. 270 *et seq* tal-process u rat ir-risposta tal-Perit Tekniku Mario Cassar ipprezentati u mahlufa fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2018 a fol. 276 *et seq* tal-process u dawk moghtija viva-voce fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2018 a fol. 232 *et seq* tal-process;

Rat ir-rikors ta' Saviour u Marie Claire ahwa Agius intavolat nhar il-5 ta' Gunju, 2018 a fol. 294 tal-process fejn permezz tieghu talbu li l-atti tal-kawza jigu legittimati u ssir it-trasfuzzjoni tal-gudizzju billi huma jidhlu flok l-intimata Rita Agius - ommhom li mietet fl-14 ta' Marzu, 2018 u rat illi fil-verbal tal-14 ta' Gunju, 2018 ir-rikorrenti rrimettew ruhhom u l-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba u ordnat li l-atti jigu trasfuzi f'isem il-werrieta ta' Rita Agius;

Rat ic-cedola ta' depozitu pprezentata nhar is-16 ta' Novembru, 2018 a fol. 304 tal-process fejn permezz taghha gie ddepozitat l-ammont ta' €23,870.62 akkont tal-legittima u nkluzi drittijiet u spejjez relattivi;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar it-23 ta' Novembru, 2020 a fol. 677 *et seq* fejn talbet illi tigi awtorizzata tipprezenta prospett tal-kwoti fil-proprjeta' li kellha ommha fid-data tal-mewt taghha flimkien mad-dokumentazzjoni (ricerki u kuntratti) li jsostnu l-istess prospett, rat ir-risposta tal-intimati ntavolata nhar id-9 ta' Dicembru, 2020 u d-digriet tal-Qorti moghti fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2021 fejn permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba limitatament sabiex jitressqu l-provi mir-rikorrenti dwar varjazzjoni fil-valuri tal-eredita' rizultanti mill-bdil tal-*causa mortis* u ordnat li l-prospett imsemmi fir-rikors mir-rikorrenti jigi esebit fl-atti sal-14 ta' Mejju, 2021 bil-visto jew notifika tal-avukat tal-kontro-parti;

Rat il-prospett tar-rikorrenti pprezentat nhar it-12 ta' April, 2021 a fol. 524 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 17 ta' Gunju, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg, oht l-intimati Sylvia Frendo et u bint l-intimat Carmelo Agius, qieghda titlob il-hlas tal-porzjon riservat mill-wirt u successjoni ta' ommha Maria Agius li giet nieqsa nhar is-27 ta' Jannar, 2014 (certifikat tal-mewt a fol. 5 tal-process).

Jirrizulta mill-atti li l-mejta Maria Agius irregolat il-wirt u successjoni taghha b'diversi testmenti fosthom bit-testment *unica charta* tal-25 ta' Novembru, 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Martinelli, fejn filwaqt li halliet lil zewgha Carmelo Agius il-massimu li kienet tippermetti l-ligi, cioe' kwart indiviz fi proprjeta' u l-kumplament b'titolu ta' usufrutt, halliet diversi prelegati u nnominat bhala werrieta universali taghha lil hames (5) uliedha u cioe' lir-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg, u lil intimati Sylvia Frendo, Rita Agius, Nicholas Agius u Carmen Said (ara testment a fol. 6 *et seq* tal-process).

Illi jirrizulta li wara dan it-testment *unica charta*, Maria Agius kienet wettqet zewg testmenti ohra addizzjonali ma' zewgha Carmelo Agius datati 11 ta' Dicembru, 2001 u 4 ta' Ottubru, 2005,

it-tnejn fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba. Permezz ta' dawn iz-zewg testmenti hija halliet diversi prelegati lil uliedha, fosthom lir-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg, fejn kienet hallitilha bicca art f'Muxi Square, Haz-Zebbug liekma art kienet tifforma parti minn fond imwaqqa. Segwiet billi halliet l-istess disposizzjoni fejn bhala werrieta universali halliet lill-hames (5) uliedha r-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg, u lill-intimati Sylvia Frendo, Rita Agius, Nicholas Agius u Carmen Said (ara testmenti a fol. 8 *et seq* tal-process).

Illi jirrizulta l-intimati Rita Agius u missierha Carmel Agius kienu wettqu dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Maria Agius fil-15 ta' Jannar, 2015 entrambi fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar (a fol. 67 *et seq* tal-process). Sussegwentement wara li kien hemm ir-rinunzja tal-wirt u successjoni minn Filippa sive Phyllis Borg u Carmen Said ta' ommhom Maria Agius, l-intimati Rita Agius u Sylvia Frendo wettqu dikjarazzjoni *causa mortis* korrettorja tal-kwoti rispettivi tal-mejta ommhom Maria Agius nhar it-23 ta' Jannar, 2017 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar (ara dikjarazzjoni a fol. 58 *et seq* tal-process). L-intimat Nicholas Agius wettaq din id-dikjarazzjoni nhar id-19 ta' Jannar, 2017 fl-atti ta' l-istess Nutar Pierre Cassar (ara dikjarazzjoni a fol. 104 *et seq* tal-process).

Kif gia gie accennat, r-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg stante li sostniet li l-valur tal-prelegat lilha mholli kien ta' valur inqas mill-porzjon riservat ghazlet li tirrinunzjat ghall-wirt u successjoni ta' ommha permezz ta' nota ta' rinunzja ntavolata fil-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) nhar il-11 ta' Ottubru, 2016 (ara nota ta' rinunzja a fol. 14 tal-process).

Ir-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg interpellat lill-eredi ta' ommha Maria Agius sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjoni riservat permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fit-2 ta' Dicembru, 2015 (a fol. 15 tal-process) u sussegwentement fl-14 ta' Ottubru, 2016 procediet bl-intavolar tal-kawza odjerna.

**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejta Maria Agius:**

Illi Maria Agius giet nieqsa nhar is-27 ta' Jannar, 2014 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decuius. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqraw kif isegwi:

> '615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-

notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'.

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

'Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni....
(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;

(c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[1].

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi'.

**L-Eccezzjoni preliminari:**

Illi permezz ta' eccezzjoni preliminari l-intimati Sylvia Frendo et eccepew li l-intimata Carmen Said irrinunzjat ghall-wirt tal-mejta ommhom Maria Said b'dan li m'hijiex responsabbli ghall-hlas tal-porzjon riservat u ghalhekk talbu li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fl-atti rrizulta ppruvat li l-imsemmija Carmen Said irrinunzjat ghall-wirt u successjoni ta' ommha Maria Said. Gialadarba l-imsemmija Carmen Said irrinunzjat ghall-wirt u successjoni ghandhom ragun l-intimati jeccepixxu li m'hijiex responsabbli skont il-ligi ghal-hlas tal-porzjon riservat. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' din l-eccezzjoni preliminari u tillibera lill-intimata Carmen Said mill-osservanza tal-gudizzju.

**Assi ereditarji u l-kwota rispettiva tal-mejta Maria Agius:**

---

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

Mill-atti jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji li l-mejta Maria Agius kellha minnhom mad-data tal-mewt taghha kienu jikkonsistu fis-segwenti:

1. Fond bl-isem 'St Philip House', bin-numru 6 f'Misrah Muxi, Haz-Zebbug;
2. Ghalqa maghrufa bhala 'Ta' Wicc ir-Rahal', fi Triq 12 ta' Mejju, Haz-Zebbug tal-kejl ta' cirka 8050 m.k.;
3. Fond konsistenti f'garage bin-numru 23 fi Triq it-Tafal, San Pawl il-Bahar;
4. Gnien tal-kejl ta' cirka 409 m.k. retropost ghad-dar bl-isem 'St Philip House', bin-numru 6 f'Misrah Muxi, Haz-Zebbug;
5. Fond bin-numru 2 fi Misrah Muxi, Haz-Zebbug;
6. Plot fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Mikelang Sapiano, Haz-Zebbug;
7. Fond bin-numru 17 fi Triq it-Twila, Haz-Zebbug.
8. Il-meljoramenti li saru fuq il-fond bl-isem 'Red Rose', fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug stante li fl-atti gie ppruvat li l-fond huwa wiehed parafernali tal-missier Carmelo Agius.

Illi ghalkemm bejn il-partijiet hemm qbil dwar liema huma l-proprjetajiet nvoluti, m'hemmx qbil dwar is-sehem appartenenti lill-mejta Maria Agius mill-immobbli msemmija. Ir-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg tinsisti u tipprezenta fl-atti kuntratti li juru li whud mill-proprjetajiet imsemmija huma proprjeta' parafernali tal-mejta Maria Agius. Da parti taghhom l-intimati jinsistu li hemm certifikati ta' titolu assolut u garantit mahrug mir-Registru tal-Artijiet fuq in-nofs indiviz ta' uhud mill-proprjeta' a favur l-intimat missier Carmelo Agius b'dan li l-proprjeta' in kwistjoni m'ghandiex tigi kkalkolata bhala appartenenti fis-sehem shih lill-mejta Maria Agius.

Dwar dan il-punt ir-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg permezz ta' nota ntavolata nhar it-12 ta' April, 2021, in segwitu ghad-digriet ta' din l-Qorti tat-18 ta' Marzu, 2021, ipprezentat prospett guramentat flimkien ma' dokumentazzjoni korroboratorja tal-kwoti fil-proprjeta' li kellha l-mejta Maria Agius a fol. 523 *et seq* tal-process. Minn dan il-prospett u d-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li l-mejta Maria Agius skont ir-rikorrenti kellha s-segwenti kwoti:

i. Tlett kwarti (3/4) tal-gnien tal-kejl ta' cirka 409 m.k. retropost ghad-dar bl-isem 'St Philip House', bin-numru 6 f'Misrah Muxi, Haz-Zebbug;
ii. Tlett kwarti (3/4) tal-fond bin-numru 17 fi Triq it-Twila, Haz-Zebbug;
iii. Sehem shih tal-fond bin-numru 2 f'Misrah Muxi, Haz-Zebbug;
iv. Tlett kwarti (3/4) tal-ghalqa fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Mikelang Sapiano, Haz-Zebbug;
v. Erba' parti minn sebgha (4/7) tal-ghalqa maghruf bhala 'Ta' Wicc ir-Rahal', fi Triq 12 ta' Mejju, Haz-Zebbug tal-kejl ta' cirka 8050 m.k.;
vi. Nofs (1/2) il-garage bin-numru 23 fi Triq it-Tafal, San Pawl il-Bahar;
vii. Nofs (1/2) il-fond bl-isem 'St Philip House', bin-numru 6 f'Misrah Muxi, Haz-Zebbug;
viii. Nofs (1/2) il-benefikati fuq il-fond bl-isem 'Red Rose', fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug.

Da parti taghhom l-intimati fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2019 ressqu jixhed lil Dr Claude Sapiano in rapprezentanza tar-Registratur ta' l-Artijiet li pprezenta fl-atti kopja tac-certifikati tat-titolu ta' whud

mill-proprjetajiet imsemmija. Minn dawn ic-certifikati jirrizulta li l-kwoti ndikati ma jirrispekjawx il-kuntratti esebiti. Madanakollu l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jinsistu li la darba l-Qorti hija rinfaccjata b'Certifikat ta' Titolu Assolut u Garantit, ma huwa koncess ghall-ebda persuna li ggib fid-dubju t-titolu tal-persuna li fuqu jkun inhareg tali titolu assolut u garantit, u se mai, kemm-il darba tali registrazzjoni trid tingieb fid-dubju, huwa d-dover ta' min irid jimpunjah li jintavola l-proceduri gudizzjarji appoziti.

Sabiex isahhu l-argument taghhom, l-intimati esebew kopji ulterjuri ta' dikjarazzjonijiet *causa mortis* korrettorji li jsostnu li kienu obbligati jaghmlu sabiex is-sehem taghhom jigi jirrifletti dak registrat ic-Certifikati ta' Titolu Assolut u Garantit (ara kopji tal-*causa mortis* korrettorji a fol. 313 *et seq* tal-process).

Dwar dan ir-rikorrenti, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha intavolata nhar it-30 ta' Awwissu 2021 targumenta illi huwa pacifiku li registrazzjoni ta' art ma tista' qatt twaqqa l-verita' tal-ishma kif akkwistati permezz ta' kuntratti u wirt. Issostni li registrazzjoni ta' proprjeta' f'isem persuna ma tittrasferixxix proprjeta' u ma tistabilixxix titolu f'isem dik il-persuna. Issostni wkoll li ma jistax ikun illi minhabba registrazzjoni zbaljata, din il-Qorti tqis illi t-titolu validu t'omm ir-rikorrenti fuq il-proprjetajiet in kwistjoni ma jiswiex. Ugwalment ma jistax ikun illi minhabba registrazzjoni zbaljata titolu fuq proprjeta' jigi konferit fuq persuna. Targumenta wkoll li ai termini tal-Artikolu 24 tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ta' Artijiet (Kapitolu 296 tal-Ligijiet ta' Malta) l-artijiet kollha registrati huma soggetti ghal hekk imsejha mil-ligi 'interessi li jipprevalu' u tindika fin-nota taghha l-Artikolu 24 bhala dak applikabbli ghal kaz odjern.

Illi l-Qorti fl-ewwel lok li dik odjerna hija sitwazzjoni ferm anomala. Tinnota izda li filwaqt li tifhem il-posizzjoni tar-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg, liema posizzjoni hija qed tohodha fit-termini tal-kuntratt, madanakollu legalment din il-Qorti ma tistax tinjora c-certifikati ta' titolu validi li gew esebiti fl-atti peress li dawn attwalment jaghtu titolu garantit ta' nofs indiviz lill-intimat Carmelo Agius fuq il-proprjetajiet hekk registrati. Illi minn analizi ta' dawn ic-certifikati ta' titolu li gew esebiti a fol. 424 *et seq* tal-process, jirrizulta li dawn kollha gew registrati jew fl-24 ta' Jannar, 1996 jew fis-6 ta' Novembru, 1996 b'dan li t-terminu ta' ghaxar (10) snin mid-data ta' l-ewwel registrazzjoni lahqu ghaddew b'diversi snin. Is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 23 tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ta' Artijiet jiddisponi li wara ghaxar snin mill-ewwel registrazzjoni t-titolu jigi wiehed garantit:

> '(2) Bla ħsara għall-artikoli 16A u 46, ir-reġistratur għandu, kemm-il darba ma tkunx saret applikazzjoni biex tinkiser il-preskrizzjoni jew kawzjoni oħra li għandha l-istess effett, jibdel it-titolu f'titolu garantit wara li jgħaddu għaxar snin mill-ewwel reġistrazzjoni.'.

Fl-atti minn imkien ma jirrizulta li saret xi applikazzjoni biex tinkiser il-preskrizzjoni jew kawzjoni ohra li permezz taghha l-perkors tar-registrazzjoni bil-mod kif saret fuq isem Carmelo u Maria konjugi Agius tieqaf. Lanqas ma jirrizulta li saret xi procedura apposita sabiex ir-registrazzjoni tigi ddikjarata bhala wahda ta' interess li jipprevali u konsegwentement titnehha. Il-Qorti tirrileva li d-decuius kellha kull jedd li taghmel dan anki waqt hajjitha izda ghazlet li dan ma taghmlux u l-eredi issa dahlu

fiz-zarbun taghha. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' xi tip ta' kontestazzjoni skont il-ligi fil-konfront ta' dawn ir-registrazzjonijiet, din il-Qorti hija marbuta li timxi ma' dawk il-kwoti li jirrizultaw fic-certifikati ta' titolu, ghajr ghal wahda ndikata bil-punt numru viii. (li ma jirrizultax li giet registrata) lkoll ndikati bil-mod segwenti:

i. Nofs indiviz (1/2) tal-gnien tal-kejl ta' cirka 409 m.k. retropost ghad-dar bl-isem 'St Philip House', bin-numru 6 f'Misrah Muxi, Haz-Zebbug - €160,000;
ii. Nofs indiviz (1/2) tal-fond bin-numru 2 f'Misrah Muxi, Haz-Zebbug - €45,000;
iii. Nofs indiviz (1/2) tal-ghalqa fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Mikelang Sapiano, Haz-Zebbug – €165,000;
iv. Nofs indiviz (1/2) tal-ghalqa maghruf bhala 'Ta' Wicc ir-Rahal', fi Triq 12 ta' Mejju, Haz-Zebbug tal-kejl ta' cirka 8050 m.k. - €160,000;
v. Nofs (1/2) il-garage bin-numru 23 fi Triq it-Tafal, San Pawl il-Bahar - €22,500;
vi. Nofs (1/2) il-fond bl-isem 'St Philip House', bin-numru 6 f'Misrah Muxi, Haz-Zebbug - €190,000;
vii. Nofs (1/2) il-benefikati fuq il-fond bl-isem 'Red Rose', fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug - €25,000. Jigi nnutat li l-valur attribwit minn din il-Qorti ghal benefikati qed jigi kakolat mind in il-Qorti arbitrio boni viri stante li l-Qorti tqis li l-ammont iddikjarat mill-Perit Tekniku Mario Cassar cioe' dak ta' €40,000 huwa wiehed esorbitanti in vista li ma jiehux kont li x-xoghlijiet saru ferm qabel id-data tal-mewt, filwaqt li l-Qorti tinnota li l-valur moghti lil dawn ix-xoghlijiet mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet huwa ftit wisq.
viii. Tlett kwarti ndiviz (3/4) tal-fond bin-numru 17 fi Triq it-

Twila, Haz-Zebbug – €30,000. Jigi rilevat li mic-certifikati ta' titoli esebiti ma jirrizultax li dan il-fond gie registrat mar-Registratur tal-Artijiet bil-mod kif inghad precedentement ghalhekk il-kwota ghandha tkun tirrifletti dak li jirrizulta mill-kuntratti esebiti mir-rikorrenti mal-prospett u cioe' in konformita mat-testment ta' Carmelo Mifsud datat 11 ta' Awwissu, 1960 fl-atti tan-Nutar Philip Saliba, kuntratt ta' bejgh tad-9 ta' Mejju, 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba u kuntratt ta' divizjoni datat 24 ta' Settembru, 1991 fl-atti tal-istess Nutar Jeannette Laferla Saliba (ara dokumenti a fol. 533 *et seq* tal-process). L-istess rikorrenti tirrikonoxxi li l-mejta kienet proprjetara ta' tlett kwarti ndivizi ta'din il-proprjeta' u mhux tas-sehem shih kif sostnew l-intimati fid-dikjarazzjonijiet causa mortis. Il-qorti wkoll ma sabet l-ebda att li jindika li l-intimati kkoregew tali dikjarazzjoni jew xi certifikat ta' titolu li jiprovdi mod iehor.

Dan premess, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha r-rikorrenti ssostni li l-intimati ma ressqux eccezzjoni f'dan is-sens u cioe' relatata mal-bdil tal-kwoti in segwitu ghar-rizultanzi mic-certifikati ta' titolu tar-Registratur tal-Artijiet. Il-Qorti tqis li l-intimati ma kellhomx ghalfejn jintavolaw eccezzjoni f'dak is-sens u dana peress li l-ezami tal-kwoti tal-mejta Maria Agius f'kawzi bhal dik odjerna dejjem irid isir mill-Qorti qabel tasal ghad-decizjoni.

Illi dwar il-valur tal-immobbli l-Qorti tinnota li z-zewg partijiet inkarigaw periti ex-parte fejn ir-rikorrenti nkarigaw lill-Perit Mario Axisa (ara rapport ex-parte a fol. 186 *et seq* tal-process) u l-intimati nkarigaw lil Perit Godwin P. Abela (ara rapport ex-parte a fol. 32 *et seq* tal-process). Il-Qorti tirrileva wkoll li l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ddikjaraw li huma disposti li

jaccettaw il-valutazzjoni maghmula mill-Perit Tekniku nominat mill-Qorti u dan anke sabiex juru l-buona fede taghhom li jaslu fi ftehim. Il-Qorti ma tqis li ma hemm l-ebda raguni valida fl-atti ghalfejn ma ghandhiex tistrieh fuq ir-rapport tal-Perit nominat minnha Mario Cassar li gie pprezentat nhar it-3 ta' Ottubru, 2017 u esebit fl-atti a fol. 160 *et seq* tal-process salv ghal dak gia indikat aktar il' fuq dwar il-valutazzjoni tal-benefikati fuq l-art li ggib l-indirizz Red Rose', fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug . Ghalhekk il-valuri li gew indikati fil-paragrafi precedenti jirrispekjaw il-valuri ndikati mill-Perit Mario Cassar salv ghal dak li inghad.

Ma tressqux provi ohra dwar assi appartenenti lill-mejta Maria Agius.

L-intimati jsostnu wkoll li mill-valur tal-eredita ghandu jitnaqqas il-alud tal-fond u cioe' dar tal-abitazzjoni tad-decuius bin-numru sitta (6), Misrah Muxi, Haz Zebbug ghar-raguni li dan thalla lill-intimata Rita Agius bhala prelegat remuneratorju in kumpens u hlas ta' kuri, servigi u assistenza rezi mill-istess lil omm Maria Agius. Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Anthony Haber pro et noe vs. Marlene Miceli et. (PA30/10/2014 133/2010JZM)** fejn dwar dan il-punt jinghad kif isegwi:

*'Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Ottubru 1952 fil-kawza "Vincenzo Attard vs Michelina Agius et" din il-Qorti fissret il-legat rimuneratorju kif gej :-*
*"Il-legat remuneratorju huwa hlas ta` dejn sakemm ma jirrizultax li t-testatur ma kellux raguni tajba biex ihalli dak il-legat u li dan ikun intiz minflok liberalita` u biex jelludi u jiddiffrawdaw d-drittijiet ta` l-eredi jew tat-terzighalhekk il-Qorti ghandha dejjem poter li tara jekk il-legat huwiex pproporzjonat ghas-servigi prestati mil-legatarju."*

*Il-legat imholli huwa wiehed rimuneratorju, liema legat rimuneratorju ghandu jitqies dejn tal-wirt. Ghalhekk, jekk dan il-legat huwa tassew rimuneratorju, il-valur tieghu ma ghandux jigi kkalkolat fil-komputazzjoni tassehem riservat.*
*Inghad fil-gurisprudenza ricenti li, biex titwaqqa` l-prezunzjoni li servigi nghataw gratuwitament, jehtieg li min jallega li l-prestazzjoni kienet ta` b`xejn ghandu jgib provi tajbin u konvincenti bizzejjed biex iwaqqghu dik il-prezunzjoni. Jekk min ircieva s-servigi kien gharaf dan il-fatt f`xi att pubbliku, jew jekk f` testment jithalla legat ta` hlas lil xi hadd ghal servigi moghtija lit-testatur, dak il-legat ghandu s-sahha ta` dikjarazzjoni affermattiva ta` stqarrija ta` kumpens. Issir riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` Ottubru 1951 fil-kawza "Dr Edoardo Cutajar M.D. vs Teresa Xuereb et" fejn inghad illi legat rimuneratorju mholli ghal hlas ta` servigi u alimenti li rrendietlu l-persuna gratifikata b` dak il-legat jammonta ghall-ammissjoni tad-dejn tattestatur lejn dik il-persuna ghal dawk is-servigi.'*

Il-Qorti rat li r-rikorrenti fl-ebda parti mill-atti ma kkontestax b'xi mod dan il-legat remuneratorju ghal hlas ta' servigi kif dikjarat mid-decuius fit-tieni testment taghha tal-11 ta' Dicembru, 2001 (ara fol. 8 et seq). Illi in vista tas-suespost jirrizulta li huwa minnu dak li jsostnu l-intimati, cioe' li ghandu jitnaqqas il-valur ta' mija u disghin elf (€190,000) rapprezentanti nofs il-valur tal-fond kif dikjarat mill-Perit nominat, mill-assi ereditarji stante li jirrizulta li dan jikkwalifika bhala dejn tal-eredita`. B'hekk il-kalkoli tal-legittima jridu jsiru fuq is-somma komplessiva ta' sitt mija, sebat elef u hames mitt Euro (€607,500).

**<u>Kalkolazzjoni u Hlas tal-Legittima:</u>**

Immobbli u benefikati eskluz dejn - Total sitt mija, sebat elef u hames mitt Euro (€607,500).

**Sehem ir-rikorrent Filippa sive Phyllis Borg bhala porzjon riservat (1/10) jammonta ghal sittin elf, sebgha mija u hamsin Euro (€60,750).**

**Imghax:**

Ir-rikorrenti fir-raba' talba taghha titlob li tigi stabbilita r-rata ta' imghax applikabbli skont l-Artikolu 615(2) b'effett mid-data tal-mewt ta' Maria Agius (27 ta' Jannar, 2014) u tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom biex ihallsu l-imghax hekk stabbilit fuq l-ammont likwidat bhala porzjoni rizervata favur ir-rikorrenti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ntavolata nhar it-30 ta' Awwissu, 2021 r-rikorrenti ma taghmel l-ebda accenn ghall-imghax.

Illi l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqra kif isegwi:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'

Illi fl-atti r-rikorrenti esebiet kopja ta' ittra ufficjali ffirmata mill-Avukat difensur tar-rikorrenti, madanakollu ma jirrizultax li l-ittra hija vera kopja tal-original. In fatti la hija ttimbrata b'tali mod li l-Qorti tista tistabbilixxi li verament dahlet fir-Registru tal-Qorti u lanqas ma hija ufficjalment iddatata sabiex il-Qorti tkun tista' tistabbilixxi jekk effettivament l-ittra ufficjali gietx intavolata entro s-sentejn stabbilit fis-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615. Gjaladarba r-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg naqset milli ggib prova tal-intavolar ta' ittra ufficjali entro s-sentejn u wkoll stante li jirrizulta li r-rikorrenti rrinzunjat ghall-wirt nhar il-11 ta' Ottubru, 2016 u fethet il-kawza tlett ijiem wara tqis li ma tistax tigi milqugha t-talba sabiex jigi applikat imghax mid-data tal-mewt ta' Maria Agius.

Illi s-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili jkompli jiddisponi li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili. Jirrizulta li l-kawza giet intavolata nhar l-14 ta' Ottubru, 2016 u fil-mori tal-kawza gew ipprezentati zewg ammonti hlas akkont tal-porzjoni riservat tar-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg. Dawn il-hlasijiet saru permezz ta' zewg cedoli ta' depozitu wahda ntavolata fit-2 ta' Jannar, 2018 fl-ammont ta' €48,180 a fol. 519 *et seq* tal-process u l-ohra ntavolata fis-16 ta' Novembru, 2018 fl-ammont ta' €24,240 a fol. 516 *et seq* tal-process immedjatament li l-intimati kellhom f'idejhom l-istejjem tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti u wkoll wara li saru l-verifikazzjonijiet fil-konfront tieghu permezz tal-eskussjoni.

Il-Qorti rat mill-atti li l-intimati dejjem kienu disposti li jhallsu l-porzjon riservat tant li anke fil-mori ddepozitaw ammonti li

sahansitra gew zbankati mir-rikorrenti (ara zbanek a fol. 517 u fol. 520 tal-process). Jirrizulta wkoll li sahansitra r-rikorrenti zbankat aktar mill-porzjon riservata kalkolata u deciza minn din il-Qorti. Ghalhekk il-Qort f'dawn ic-cirkostanzi ser tezercita l-poter moghti lilha mil-ligi billi tiddeciedi li ma ghandu jithallas l-ebda imghax lir-rikorrenti.

**<u>Il-hames eccezzjoni:</u>**

Illi fil-hames eccezzjoni l-intimati jeccepixxu li mill-ammont li ghandu jigi likwidat bhala kreditu tar-rikorrenti, kontra r-rikorrenti ghandu jigi mnaqqas l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) li r-rikorrenti diga nghatat bhala sehem in parte mill-wirt tal-mejta ommha Maria Agius liema r-rikorrenti qatt ma rritornat jew raddet lura.

Da parti taghha r-rikorrenti Filippa sive Phyllis Borg fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tindika li ma ngabet l-ebda prova ta' hlas ta' €3,000 lilha u dan proprju ghaliex l-ammont imsemmi hija ssostni li kien inghata lir-rikorrenti minn ommha Maria Agius meta kienet ghadha hajja u ghalhekk m'ghandhomx jigu mnaqqsa mis-somma lilha dovuta bhala porzjon riservat. Missier ir-rikorrenti, l-intimat Carmelo Agius isostni mod iehor u cioe' li huwa ghaddha din is-somma wara l-mewt ta' martu.

Illi ghalkemm jidher li hemm zewg verzjonijiet totalment differenti l-Qorti tqis li huwa nverosimili li f'ambitu ta' disgwit familjari wara l-mewt tal-omm, il-missier intimat jghaddi somma flus lir-rikorrenti minghajr ma jzomm ebda prova ta' dan it-trasferiment. Tqis ghalhekk li ma giex sufficjentement pruvat li s-somma ndikata ghaddiet ghand ir-rikorrenti wara l-mewt ta'

ommha u akkont tas-sehem riservat anki ghaliex ir-rikorrenti kienet ghadha ma rrinzunjatx ghall-wirt. Izzid li jekk ghal grazzja tal-argument kien veru li r-rikorrenti hadet l-ammont ta' €3,000 wara l-mewt ta' ommha dan kien ifisser li kien hemm l-accettazzjoni tal-wirt izda din l-eccezzjoni ma tqajjmitx quddiem din il-Qorti da parti tal-intimati. Ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din il-hames eccezzjoni.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif isegwi:

1. Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimati u tiddikjara l-intimata Carmen Said bhala mhux il-legittima kontradittur u tillibera mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' l-ewwel talba u tistabilixxi l-entita' u l-valur tal-assi tal-mejta Maria Agius omm ir-rikorrenti fid-data tal-mewt taghha bhala dawk indikati taht is-sezzjoni 'Assi ereditarji u l-kwota rispettiva tal-mejta Maria Agius:';

4. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti bhala kreditu kontra l-eredi ta' Maria Agius tal-valur tal-porzjoni rizervata fl-ammont ta' sittin elf, seba' mija u hamsin Euro (€60,750);

5. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimati kollha eredi, eskluzi Carmen Said u Carmelo Agius, biex ihallsu lir-rikorrenti l-porzjoni rizervata fl-ammont ta' sittin elf, seba' mija u hamsin Euro (€60,750), tenut kont izda tac-cedoli ta' depozitu zbankati mill-istess rikorrenti fil-mori li sahansitra jesorbitaw l-ammont dovut deciz minn din il-Qorti;

6. Ghar-ragunijiet kif suesposti tichad ir-raba' talba;

Bl-ispejjez, eskluzi dawk tal-ittra ufficjali allegatament prezentata fit-2 ta' Dicembru 2015 bin-numru 4025/15 stante n-nuqqas ta' vera kopja skont il-ligi fl-atti, interament a karigu tal-intimati kollha eredi eskluzi Carmen Said u Carmelo Agius.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**16 ta' Dicembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Dicembru, 2021**